MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Numru. 98/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Shawn Robson**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Shawn Robwon ta’ 24 sena iben Rick u Jane nee’ Borg mwieled Pieta fl-4 ta’ Lulju 1981 u residenti 56 Sawmill Street Msida, ID 358581 (M)

(a) Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn is-26 u 27 ta’ Frar 2006 u fix-xhur ta’ qabel kellek fil-pussess tieghek ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi

preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u li l-uniku reat fil-fedina penali tieghu huwa dak ta' kawza tat-traffic fis-sena 2000, u li l-imputat kellu l-opportunita li jmur jahdem barra minn Malta fuq bazi fit-tul.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artkoli 8 (a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------